Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9982 — Ford/GFT)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 424/08)

1. Fit-30 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Ford-Werke GmbH ("FWG", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Ford Motor Company ("FMC", l-Istati Uniti tal-Amerka), li tappartjeni għall-Ford Group (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— GETRAG FORD Transmissions GmbH ("GFT", il-Ġermanja), ikkontrollata bi sħab minn FMC u Magna International Inc. ("MAGNA").

FWG takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta; GFT kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— FMC (Ford Group): disinn, manifattura, kummerċjalizzazzjoni u manutenzjoni ta' linja sħiħa ta' karozzi, trakkijiet, vetturi utilitarji sportivi (sport utility vehicles, "SUVs"), vetturi elettrifikati ta' Ford u vetturi lussużi Lincoln, servizzi finanzjarji permezz ta' Ford Motor Credit Company kif ukoll l-iżvilupp ta' elettrifikazzjoni, vetturi awtonomi u soluzzjonijiet ta' mobilità,

— GFT: l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' trażmissjonijiet għal vetturi ħfief, inklużi żewġ impjanti ta' produzzjoni fil-Ġermanja u fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9982 — Ford/GFT

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.